MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1891/1996/2

John **CARUANA**

vs

John u Catherine konjuġi **LEWIS**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Ġunju, 1996, li bih l-attur ippremetta;

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-plot numru 226, Santa Maria Estate, Mellieħa, mentri l-konvenuti huma l-proprjetarji tal-polt numru 227, Santa Maria Estate, Mellieħa.

Illi l-attur u l-konvenuti ftehmu li l-istess attur kellu jieħu ħsieb li jinbena l-ħajt diviżorju bejn l-imsemmija żewġ plots, u l-ispejjeż relativi jiġu sopportati bejn il-partijiet.

Illi effettivament l-attur ħa ħsieb li jinbena l-imsemmi ħajt diviżorju, skond il-mod u l-prezzijiet kif preċedentement miftiehma.

Illi illum il-konvenuti għandhom iħallsu lill-attur is-somma ta' Lm1,985.62,2, oltre il-VAT fl-ammont ta' Lm297.85, rappreżentanti sehmhom mill-ispiża relativa għal kostruzzjoni tal-imsemmi ħajt diviżorju.

Illi nonostante diversi talbiet għall-ħlas il-konvenuti naqsu milli jħallsu lill-attur tali ammont ta' Lm1,985.65,2 oltre is-somma ta' Lm297.85 bħala VAT.

Għaldaqstant l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex għal dawn ir-raġunijiet premessi m'għandhomx:

1. Jiġu kkundannati minn din il-Qorti iħallsu lill-attur is-somma ta' Lm1,985.62,2, oltre l-ammont ta' Lm297.85 bħala VAT, rappreżentanti is-sehem dovut minnhom għall-kostruzzjoni tal-ħajt diviżorju bejn il-plot 226 di proprieta' tal-attur u l-plot 227 di proprieta' tal-istess konvenuti, f'Santa Maria Estate, Mellieħa.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali mill-preżenti sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti inġunti personalment għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-16 t'April, 1997, li biha l-imħarrkin miżżewġin Lewis eċċepew;

Illi l-pretenzjonijiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Preliminarjament, għadu jiġi stabbilit jekk il-ħajt in kwistjoni huwiex tali illi jġib fis-seħħ obbligi da parti ta' l-eċċipjenti versu l-attur;

Fil-mertu, l-eċċipjenti qatt u bl-ebda mod ma daħlu għal xi ftehim ma' l-attur fis-sens li ppremetta hu fiċ-ċitazzjoni:

anzi, huma kienu qabbdu bi prezz fiss u miftiehem appaltatur, GDD Limited, biex jagħmel xogħol biex jispiċċaw villa u pool "in shell form". L-inkarigu ta' GDD Limited kien jinkludi kostruzzjoni ta' "boundary walls";

L-eċċipjenti qatt ma kellhom diskussjonijiet ma' l-attur dwar il-kostruzzjoni ta' ħajt diviżorju u għalhekk ma setgħux daħlu f'xi ftehim miegħu;

Mingħajr preġudizzju, anke jekk hemm xi obbligu da parti ta' l-eċċipjenti versu l-attur, dan bene oltre dak li hemm stipulat fil-Liġi fir-rigward ta' ħitan diviżorji bejn proprjetajiet tal-ġeneru tal-partijiet u f'dan il-kuntest, stante illi ma kienx hemm ftehim mod ieħor, l-attur irid iħallas l-ispejjeż ta' dak li jirrigwarda il-bini "żejjed";

Għal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjeż, għal kull buon fini l-eċċipjenti offrew illi jintlaħaq ftehim ibbażat fuq il-prezz li kienu ġa ftehmu għall-kostruzzjoni ma' l-appaltatur u dak li jirriżulta mir-rekwiżiti tal-Liġi, iżda din il-proposta ma ġietx aċċettata mill-attur.

Salv kull eċċezzjoni ulterjuri spettanti lill-eċċipjenti.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit u dik mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Diċembru, 1997[1], li bih u għall-finijiet tal-ħames eċċezzjoni tal-imħarrkin, ħatret lill-Perit arkitett David Paċe bħala perit tekniku, liema ħatra tħassret mill-istess Qorti b'Degriet tat-22 ta' Mejju, 1998[2], wara li b'Nota mressqa mill-imħarrkin dak inhar[3], l-imħarrkin irtiraw il-ħames eċċezzjoni tagħhom;

---

[1] Paġ. 29 tal-proċess
[2] Paġ. 46 tal-proċess
[3] Paġ. 45 tal-proċess

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 t'Ottubru, 1998[4] li bih ħatret lill-avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha biex tisma' x-xhieda tal-partijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-30 ta' Jannar, 2004[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-15 ta' Marzu, 2004[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tas-7 ta' Mejju, 2004 u tal-14 t'Ottubru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' sehem għall-bini ta' ħajt li jaqsam ġid l-attur minn dak tal-imħarrkin. L-attur jgħid li kien laħaq ftehim mal-imħarrek biex jinbena l-ħajt li jaqsam il-ġid tagħhom u li l-ispejjeż jinqasmu ndaqs bejniethom. Jgħid li għalkemm qabbad in-nies biex jagħmlu x-xogħol u dan tlesta u kien approvat mill-perit tal-imħarrkin, l-imħarrkin naqsu li jħallsu sehemhom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li qatt sar ftehim bejnhom u l-attur dwar il-bini tal-ħajt, u kif ukoll li jekk kien hemm xi obbligu min-naħa tagħhom dwar titligħ ta' ħajt l-ammont mitlub mill-attur kien żejjed għaliex hu bena l-ħajt b'xogħol li kien aktar minn dak meħtieġ. Jgħidu wkoll li m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża għaliex kienu għamlu offerta lill-attur li ma ġietx aċċettata minnu;

Illi, mill-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u> joħroġ li l-attur huwa sid ta' art bin-numru mitejn u sitta u għoxrin (226),

---

[4] Paġ. 47 tal-proċess
[5] Paġġ. 128 sa 134 tal-proċess
[6] Paġ. 135 tal-proċess

fil-qasam magħruf bħala Santa Marija Estate fil-Mellieħa, filwaqt li l-imħarrkin huma s-sidien tal-porzjon ta' ħdejha bin-numru mitejn u sebgħa u għoxrin (227) li nkiseb minnhom fl-1993. L-imħarrkin kien qabbdu kuntrattur biex jibni l-art tagħhom u dan għal prezz globali li kien jinkludi l-bini tal-ħitan tal-madwar[7]. Meta l-imħarrkin bdew jibnu l-art tagħhom, l-attur ma kien għadu għamel l-ebda bini fuq l-art tiegħu. Waqt li kien tiela' l-bini tal-post tal-imħarrkin, l-attur qatagħha li jkellem lill-imħarrek biex jaċċetta li jħallih itella' l-ħajt li jaqsam ħwejjiġhom biex iserraħ moħħu li l-ħajt ikun ittella' sewwa u ma jkunx hemm problemi 'l quddiem;

Illi l-attur kien tqabbad ikellem lill-kuntrattur inkarigat mill-bini tal-post tal-imħarrkin u kif ukoll lill-perit, u l-ħajt ittella' matul l-1995 taħt is-sorveljanza tal-istess perit tal-imħarrkin u mkejjel[8] u approvat minnu. L-attur ħallas l-ispejjeż kollha tal-bini tal-ħajt u lill-bennejja li qabbad;

Illi jirriżulta wkoll[9] li qabel ma kien beda x-xogħol tal-bini tal-ħajt, l-attur kien ta lill-kuntrattur ir-rati tax-xogħol u l-imħarrkin kien saru jafu u qablu li x-xogħol isir. Mill-kalkoli li saru qabel ma nbeda x-xogħol tat-titligħ tal-ħajt, kien ħareġ ukoll li l-prezz kien sejjer jaqbeż l-ammont li kien għad fadal mhux utilizzat mis-somma globali li kien sejjer jiswa l-kuntratt tal-bini u li d-differenza – li sa dak iż-żmien kienet ta' madwar mija u erbgħin lira maltija – kien ser ibatiha l-kuntrattur maħtur mill-imħarrkin[10]. Minħabba li ma ntlaħaqx qbil, l-imħarrkin żammew l-ammont kollu li kien destinat għall-bini tal-ħajt, u lanqas ma ħallsu lill-kuntrattur sakemm tinqata' l-kwestjoni. Fit-3 ta' Ġunju, 1996, infetħet il-kawża;

Illi fid-dawl tal-fatti ewlenin li jissemmew hawn fuq, ikun xieraq li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt li jikkaratterizzaw il-każ</u> jinkwadraw sewwa l-aspetti fondamentali tal-azzjoni. Dan jingħad għaliex huwa meħtieġ li l-azzjoni attriċi titqies fil-parametri veri tagħha. L-attur jibni l-każ tiegħu kollu fuq ftehim mal-imħarrkin. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin

---

7 Xhieda ta' Paul Stoner 23.11.99, f'paġġ 67-8 tal-proċess
8 Dok "NST1", f'paġ. 24 tal-proċess
9 Xhieda ta' Paul Stoner, *ibid.*
10 Xhieda ta' Paul Stoner 21.6.2001, f'paġ. 92 tal-proċess

jiċħdu li huma qatt ftehmu mal-attur dwar il-ħajt, u jisħqu li l-ftehim wieħed li huma kellhom kien mal-kuntrattur, u li miegħu huma kienu qablu dwar somma globali waħda u sħiħa għall-bini tad-dar tagħhom u tal-erba' ħitan li kellhom idawruha;

Illi, għalhekk, billi l-każ preżenti jirrigwarda l-bini ta' ħajt ġdid bejn żewġ proprjetajiet fejn qatt qabel ma kien hemm ħajt ieħor li jifred. Dan ifisser, għalhekk, li ma jidhirx li jista' japplika dak li trid il-liġi[11] dwar it-tiswija jew titligħ mill-ġdid ta' ħitan li jaqsmu ġid minn ġid ta' sid ieħor. Dik id-dispożizzjoni tal-liġi tapplika biss f'każ ta' ġid kostitwit fejn il-ħajt ikun meħtieġ li jinbidel minħabba qdumija jew minħabba periklu jew fejn ikun meħtieġ li jsir xogħol ta' manutenzjoni[12]. Fejn, f'każ bħal dan, il-kwestjoni tkun tirrigwarda t-titligħ ta' ħajt ġdid għall-ewwel darba, id-dispożizzjonijiet relattivi għal ħitan li jifirdu ġid ta' sid minn ġid ta' sid ieħor jikkonsistu, b'mod ġenerali, fl-applikazzjoni ekwitativa tal-prinċipji tal-ġid miżmum in komun. Fost tali dispożizzjonijiet, jistgħu jissemmew ir-regoli miġjuba fl-artikoli 492, 493 u 494(1) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jgħid lil-azzjoni tiegħu hija mibnija fuq l-artikolu 420 tal-Kodiċi Ċivili u l-jedd li sid ta' ġid għandu fuq sid ta' ġid ieħor li jmiss miegħu li jġiegħel lil dan joħroġ sehemu mill-ispiża biex jittella' ħajt li jifred btieħi, ġonna jew egħlieqi;

Illi, minbarra dan, huwa aċċedttat ukoll li fejn persuna m'hijiex marbuta bil-liġi li toħroġ sehem mill-ispejjeż għat-titligħ jew tiswija ta' ħajt li jaqsam ġid minn ieħor, jekk jintwera li jkun sar ftehim bejn is-sidien tal-ġid li dak il-ħajt jifred, dak il-ftehim jorbothom, taħt il-massima ta' *pacta sunt servanda*[13];

Illi mill-provi li ħarġu waqt is-smigħ tal-kawża, jirriżulta li l-mod kif sar il-ħajt kien wieħed skond is-sengħa u, aktar importanti, skond ma kienu jitolbu ċ-ċirkostanzi partikolari u l-bixra tal-art li fuqu ttella'[14]. Jirriżulta wkoll li l-imħarrkin

[11] Art. 411 tal-Kap 16
[12] App. Ċiv. **21.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et vs Briffa*** (Kollez. Vol: **XLII.i.43**)
[13] App.Ċiv.Inf. **22.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Sultana noe vs Joseph Abela***
[14] Xhieda tal-AIC Samut Tagliaferro 5.12.1997, f'paġġ. 37 u 39 tal-proċess

infushom kienu raw il-ħtieġa li jittella' dak il-ħajt (flimkien mal-ħitan l-oħra maħsuba li jdawru 'l-villa li kienu qegħdin jibnu) u kienu diġa' għamlu xogħol ta' tħammil u tqegħid ta' sisien fil-parti li tifred ġidhom minn dak tal-attur. Dan kollu jixhed li huma riedu li l-ħajt jitla' daqskemm jixhed ukoll li l-ħajt kien meħtieġ;

Illi, madankollu, l-imħarrkin jiċħdu li kienu ftehmu mal-attur dwar it-titligħ tal-ħajt. Jibnu l-argument tagħhom fuq il-fatt li l-bini tal-art tagħhom kienu ħallewh f'idejn kuntrattur – Grays Development Division Limited – li miegħu ftehmu prezz wieħed u sħiħ għall-proġett, li fih kien hemm magħdud il-ħitan li jdawru l-binja tagħhom. L-effett tal-argument tal-imħarrkin huwa dak li jaqta' l-possibilita' li sata' sar xi arranġament mal-attur, jew li l-attur sata' jaħseb li huma kienu ntrabtu miegħu biex joħorġu spejjeż oħra minbarra jew b'żieda ma' dawk li kienu ftehmu mal-kuntrattur imqabbad minnhom;

Illi hemm differenza bejn li wieħed jiftiehem u li wieħed ikun jaf b'xi ħaġa li qegħda ssir: tal-ewwel taqa' fil-kamp tad-dritt kuntrattwali (li jirrifletti dak il-ftehim), filwaqt li tat-tieni tista' l-aktar taqa' fil qasam tal-kważi-kuntratt. It-tnejn m'humiex l-istess għaliex tal-ewwel joħloq u jirregola obbligazzjoni maqbula[15] bejn żewġ partijiet jew aktar, filwaqt li tat-tieni titnissel minn fatt leċitu u volontarju li jagħti ħajja għal obbligazzjoni mingħajr ma jkun hemm ftehim espress dwarha[16]. Il-ftehim jista' jkun miktub, imma jiswa daqstant jekk ikun bil-fomm, sakemm il-liġi nnifisha ma tridx li jkun formalizzat f'għamla partikolari;

Illi minn eżami bir-reqqa tal-fatti f'dan il-każ jirriżulta li l-attur offra minn rajh (għalkemm mingħajr ħabi tal-interess patrimonjali tiegħu) li jtella' l-ħajt li jaqsam ġidu minn dak tal-imħarrkin. Jirriżulta li dan għamlu bil-fehma li l-ispejjeż jinqasmu bejnu u l-imħarrkin. Jirriżulta li l-imħarrkin kienu jafu minn qabel b'din l-offerta tal-attur[17], bħalma kienu jafu wkoll x'qiegħed isir waqt li x-xogħol kien għaddej. Kienu jafu wkoll meta x-xogħol kien wieqaf, għaliex kienu jisħqu

[15] Art 960 tal-Kap 16
[16] Art 1012 tal-Kap 16
[17] Xhieda ta' Paul Stoner 23.11.1999, f'paġ. 67 tal-proċess

kemm mal-attur u kif ukoll mal-bennej tiegħu li x-xogħol jintemm. Jirriżulta wkoll li l-imħarrkin kienu jafu li kellhom ibatu sehem mill-ispejjeż għat-titligħ tal-ħajt: mhux hekk biss, imma l-kuntrattur kien saħansitra webbilhom jaċċettaw għaliex kien se' jkun aħjar għalihom minħabba li l-ispejjeż kienu sejrin jinqasmu bejnhom u l-attur[18]. Jirriżulta wkoll li fis-somma globali maħsuba għall-bini tal-villa tagħhom, l-imħarrkin kienu jafu li parti minn dik is-somma kienet ħadet qies ta' ammont għall-ispejjeż tat-titligħ tal-ħitan tal-madwar (l-imħarrek innifsu jsemmi s-somma ta' Lm 2997[19]);

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti kollha, l-Qorti ma tistax tasal biex taqbel mal-argument tal-imħarrkin li ma kienx hemm ftehim mal-attur, u dan għaliex joħroġ ċar li l-imħarrkin kienu qablu li l-attur itella' l-ħajt u kienu qablu wkoll li dak il-ħajt jittella' fuq il-pedament li kienu laħqu għamlu huma qabel ma l-attur kien tħajjar li jieħu x-xogħol f'idejh. Minbarra dan, jirriżulta wkoll kemm mill-attur[20] u kif ukoll mill-bennej imqabbad biex itella' l-ħajt[21] li, meta x-xogħol tal-bini kien jieqaf għal xi żmien, l-imħarrkin kienu jikkuntattjaw jew lill-istess attur u kif ukoll lill-bennej u jisħqu li x-xogħol mibdi jitkompla. Il-Qorti tqis li l-fatt li l-ħajt ittella' fuq il-pedament li kien laħaq sar mill-kuntrattur tal-imħarrkin ma jista' jfisser l-ebda ħaġ'oħra għajr li l-istess imħarrkin riedu li l-ħajt ikun komuni u mhux biss wieħed li jaqsam il-ġid tagħhom minn dak tal-attur;

Illi fatt ieħor ta' siwi u li jitfa' dawl fuq il-każ huwa dak muri fil-prospett tal-kejl maħruġ f'Novembru tal-1995 mill-Perit Nicholas Samut Tagliaferro[22]. Jekk wieħed iqis sewwa l-imsemmi prospett, wieħed ma jistax ma jilmaħx li l-perit innifsu attribwixxa liema parti mill-bini tal-ħajt kien irid jagħmel tajjeb għaliha l-imħarrek waħdu ("JL"), liema l-attur waħdu ("JC") u liema t-tnejn flimkien ("50/50"). Dan il-prospett huwa magħmul b'reqqa li titkellem waħedha u mirqum sa l-anqas dettal. Imma l-mistoqsija l-aktar pertinenti hija: minn fejn wasal il-perit biex jindika min

[18] Xhieda tal-imħarrek 11.4.2002, f'paġ. 105 tal-proċess
[19] *Ibid.* , f'paġ. 104
[20] Affidavit tiegħu 14.11.1997, f'paġ. 23 tal-proċess
[21] Xhieda Alfred Farruġia 22.6.1999, f'paġ. 57 tal-proċess
[22] Paġġ. 25-6 tal-proċess

mis-sidien ried jagħmel tajjeb għal kull partita ta' dak il-prospett jekk mhux għax kien miexi fuq is-saħħa ta' xi ftehim li kien hemm bejn l-istess partijiet ? Il-Qorti ma tistax temmen li l-perit qabad u minn rajh għażel li jqassam l-ispejjeż mingħajr ma jkun għal-anqas ingħata ħjiel ta' qbil dwar dan. Minbarra dan, is-siwi tal-imsemmi dokument joħroġ ukoll minħabba l-fatt li dan jidher li sar qrib meta ntemm il-bini tal-ħajt u fi żmien insuspett meta ma kinitx għadha qamet il-kwestjoni bejn il-partijiet;

Illi mbagħad hemm ċirkostanza oħra li għall-Qorti tidher rilevanti. Dan hu l-fatt li meta l-attur kellem lill-imħarrek dwar il-proposta tiegħu li jieħu l-briga biex itella' l-ħajt u jinqasmu l-ispejjeż, l-imħarrek bagħtu jkellem lill-kuntrattur. F'għamil bħal dan, il-Qorti tara l-ħolqien ta' mandat bis-setgħat mogħtija (u li ġew aċċettati) lill-kuntrattur kif imfisser fl-artikolu 1868 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ, għalhekk, kulma għamel il-kuntrattur fil-kuntrattazzjoni tiegħu mal-attur dwar il-bini tal-ħajt, jorbot lill-mandanti tiegħu, l-iżjed meta f'dan il-każ jidher li huma irratifikaw l-għamil tal-kuntrattur[23]. Din jidher li kienet il-fehma wkoll tal-attur meta kiteb lill-imħarrkin biex jitlobhom iħallsu s-sehem tagħhom tal-ispejjeż tal-ħajt u rrefera għall-kuntrattur bħala l-"*contracting agent*" tagħhom;

Illi għal dak li jirrigwarda s-sitt eċċezzjoni tal-imħarrkin, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-imħarrkin jistgħu jsostnuha konsistentement. Huwa evidenti li l-proposta li jgħidu li għamlu lill-attur ma kinitx biżżejjed biex iżomm li l-kawża ma tinfetaħx: kien ikun ħaġ'oħra kieku wrew, per eżempju, li l-ammont li huma kienu disposti li joffru lill-attur għaddew biex qegħduh b'depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti. Imma minn dan ma ntwera xejn u l-imħarrkin ma setgħux jippretendu li l-attur jew jaċċetta l-offerta tagħhom jew ma jagħmel l-ebda pass ieħor. Għall-kuntrarju, jirriżulta li huma żammew il-flus li kien għad fadlilhom jagħtu lill-kuntrattur tagħhom sewwasew sakemm tinqata' l-kwestjoni mertu ta' din il-kawża. Dan l-għamil juri li l-imħarrkin jorbtu l-ħatra li huma taw lill-kuntrattur tagħhom

[23] Artt. 1880 u 1881(2) tal-Kap 16

mal-kwestjoni ta' x'għandu jkun is-sehem tagħhom mill-bini tal-ħajt;

Illi, wara kollox, l-offerta waħedha li jingħad li saret mill-kuntrattur f'isem l-imħarrkin jew l-għarfien li l-attur kellu xorta waħda jieħu ħsieb it-titligħ tal-ħajt ma sservix biex, jekk ikun il-każ, l-imħarrkin jeħilsu mill-obbligu li joħorġu sehemhom mill-ispejjeż għall-bini tal-ħajt u għall-kawża li kellha ssir minħabba l-inadempjenza tagħhom[24];

Illi għar-rigward tal-ammont pretiż mill-attur, dan jinbena fuq kalkolu dokumentat kif imiss[25] u mqassam b'mod li jirrifletti fedelment il-prospett maħruġ mill-perit Samut Tagliaferro. Id-dokument jidher li kien mibgħut lill-imħarrkin ftit jiem biss wara li l-perit ħareġ il-prospett tal-kejl tal-ħajt u jfisser dak li l-attur jippretendi fit-talbiet tiegħu. L-ammont ta' Taxxa ta' Valur Miżjud mitluba wkoll taqbel mar-rata tal-ħmistax fil-mija (15%) li kienet fis-seħħ meta x-xogħol kien sar. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni la dwar il-kejl kostatat mill-perit tagħhom stess u lanqas dwar ir-rati jew l-ammonti tal-partiti tal-kont;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-attur is-somma ta' elfejn mitejn u tlieta u tmenin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm 2283.50) rappreżentanti kwantu għal Lm 1986.65 sehem dovut mill-istess imħarrkin mill-ispejjeż biex ittella' l-ħajt li jaqsam il-ġid tagħhom minn dak tal-attur, u kwantu għal Lm 297.85 rappreżentanti Taxxa ta' Valur Miżjud fuq l-imsemmi ammont;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma mitluba b'effett mill-14 t'April, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv.

---

24 P.A. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona et vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.538**)
25 Dok "X", f'paġ. 5 tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------